32005D0721

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tal-25 ta' April 2005

dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-Protokoll għall-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tat-Tuniżija, min-naħa l-oħra, biex jittieħed kont ta' l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, tar-Repubblika ta' l-Estonja, tar-Repubblika ta' Cipru, tar-Repubblika tal-Latvja, tar-Repubblika tal-Litwanja, tar-Repubblika ta' l-Ungerija, tar-Repubblika ta' Malta, tar-Repubblika tal-Polonja, tar-Repubblika tas-Slovenja, u tar-Repubblika Slovakka ma' l-Unjoni Ewropea

(2005/721/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 310 flimkien ma' l-Artikolu 300(2), l-ewwel subparagrafu, it-tieni sentenza,

Wara li kkunsidra l-Att ta' Adeżjoni ta' l-Istati Membri l-ġodda fl-Unjoni Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 6(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) Fl-10 ta' Frar 2004, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni, f'isem il-Komunità u l-Istati Membri tagħha, biex tinnegozja mar-Repubblika tat-Tuniżija bl-iskop li jkun aġġustat il-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tat-Tuniżija, min-naħa l-oħra [1], biex jittieħed kont ta' l-adeżjoni ta' l-Istati Membri ġodda ma' l-UE.

(2) Dawn in-negozjati kienu minn dak iż-żmien 'il hawn konklużi għas-sodisfazzjon tal-Kummissjoni.

(3) Il-Protokoll innegozjat mar-Repubblika tat-Tuniżija jipprovdi, fl-Artikolu 12(2), għall-applikazzjoni proviżorja tal-Protokoll qabel id-dħul fis-seħħ tiegħu.

(4) Suġġett għall-konklużjoni possibbli tiegħu aktar 'il quddiem, huwa xieraq li l-Protokoll għandu jkun iffirmat f'isem il-Komunità u li jkun applikat proviżorjament,

IDDECIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-President tal-Kunsill hu b'dan il-mezz awtorizzat li jaħtar il-persuna(i) li jkollha (jkollhom) is-setgħa jiffirma(w), f'isem il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, il-Protokoll tal-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri, min-naħa, u r-Repubblika tat-Tuniżija, min-naħa l-oħra, biex jittieħed kont ta' l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja, u r-Repubblika Slovakka ma' l-Unjoni Ewropea.

It-test tal-Protokoll hu mehmuz ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-Protokoll previst fl-Artikolu 1 għandu jkun applikat proviżorjament mill-1 ta' Mejju 2004, suġġett għall-konklużjoni tiegħu.

Magħmula fi Brussel, 25 ta' April 2005.

Għall-Kunsill

Il-President

J. ASSELBORN

[1] ĠU L 97, 30.3.1998, p. 2.